# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 418/97

Lawrence S. Schembri

vs

Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Direttur Generali tal-Edukazzjoni

Illum 29 ta' Jannar 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent garrab numru ta' ingustizzji bejn il-1987 u l-1995 fl-impieg tieghu ta' 'teacher' fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kif ser jigi hawn spjegat fil-qosor, u amplifikat  b'aktar dettal fl-affidavit anness u mmarkat Dok. A.

Ir-rikorrent lahaq 'teacher' fil-1957. Kien assenjat fl-iskola primarja ta' Bormla, u baqa' dejjem f'dik l-iskola jghallem fi klassi sal-1989.

Fil-1989, wara tnejn u tletin sena jghallem fi klassi, ir-rikorrent garrab tnaqqis tal-vuci, u fuq parir ta' specjalista tal-ENT, talab li jigi ezentat mill-klassi, sakemm il-vuci tirpilja. Huwa kien sfurzat johrog fuq 'sick leave'. Huwa talab ghal xejn li jithalla fl-iskola ta' Bormla fuq xoghol klerikali u amministrattiv. Wara xi zmien issejjah lura ghax-xoghol mat-Taqsima tal-Edukazzjoni Specjali, u tqieghed f'kamra zghira fil-bitha, kiesha u umda, iqanqal kaxxi ta' kotba uzati, iqassamhom ghal skejjel ohra, jaghzel 'second hand' jigsaw puzzles, u jaghmel inventarju ta' xi skola.

Fil-1990 talab ghal xejn li jaghmel 'remedial work on the withdrawal system'. Meta wara tlett xhur harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal dak il-post, ir-rikorrent applika, izda gie deciz li ma kienx kwalifikat, ghalkemm fis-sajf ta' wara, huwa gie inkarigat jissorvelja u jghin studenti tal-B.Educ. li kienu qeghdin jaghmlu xoghol rimedjali ma' tfal batuti.

F'Lulju 1991, intbaghat fi skola fil-Hamrun jaghmel ix-xoghol klerikali li gie rifjutat lilu li jaghmel fl-iskola ta' Bormla.
F'Settembru 1992 ir-rikorrent intbaghat fl-iskola ta' Bormla bhala librar.

Illi fil-1975, meta it-'teachers' mis-settur Primarju gew trasferiti ghal dak Sekondarju u inghataw salarju ftit oghla, huwa, li baqa'

fl-iskola primarja ta' Bormla, inqabez fis-seniority, bhat-'teachers' l-ohra tal-Primarja, u ghalhekk it-'teachers' li marru fis-Sekondarja kellhom l-opportunita' li jilhqu huma 'heads of Schools' a skapitu tar-rikorrent u 'teachers' anzjani bhalu fis-settur Primarju.

Illi fil-1994 ir-rikorrent rega' sofra ingustizzja simili ghal dik li kien sofra fil-1975 hawn fuq imsemmija. Bil-Ftehim bejn il-Gvern u l-MUT, 'teacher' li jkun ilu ghaxar snin fi Skala 9 tas-Servizz Civili, jidhol fi Skala 8, u wara ghaxar snin f'dik l-iskala, jidhol fi Skala 7, u jekk ikollu servizz ta' sebgha u ghoxrin sena fi klassi, jilhaq il-massimu ta' Skala 7. Izda 'teacher' li diga' jkun qieghed fi Skala 7 u ma jibqghax jaghmel xoghol fi klassi, jitnizzel ghal Skala 8. Mhabba dan il-ftehim, ir-rikorrent li kien garrab telf fil-vuci wara tnejn u tletin sena jghallem fi klassi, tqieghed fl-ewwel punt tal-Iskala 8, b'effett minn Marzu 1991, u b'konsegwenzi hziena fuq is-salarju, gratuity, u l-pensjoni. B'hekk, ir-rikorrent gie stmat daqs 'teacher' bi hdax il-sena servizz. U dan sehh meta ir-rikorrent gia' darbtejn kien lahaq il-massimu tal-iskali tas-salarji, u bejn il-1978 u l-1989, ma kienx ghalhekk ha ebda 'increment'. Issa, meta ir-rikorrent jaghlaq l-eta' tal-irtirar, jirtira b'salarju li jkun seba' 'increments' taht il-massimu tal-Iskala 8, minflok b'pensjoni tal-massimu tas-salarju, wara li jkun ilu erbghin sena fis-servizz.

Illi inoltre, fil-Ftehim imsemmi tal-1994, hemm ipprovdut li l-ewwel sittin ghalliem fis-'Seniority List' jinhatar Assistent Kap ta' Skola. Ir-rikorrent kien mhux aktar mis-sitta u ghoxrin post fil-lista, izda gie deciz li r-rikorrent jinqabez ghaliex ma kienx qed

jghallem fi klassi mhabba l-mard, ghalkemm kien baqa' jaghmel xoghol fil-qasam edukattiv.

Ghalhekk ir-rikorrent ilmenta minn trattament ingust u diskriminatorju meta:

(a) gie lilu rifjutat li jibqa' fl-iskola ta' Bormla fuq xoghol klerikali u amministrattiv, wara li r-rikorrent garrab tnaqqis fil-vuci;

(b) gie moghti xoghol ta' tbatija, umiljazjoni, u frustrazzjoni fit-Taqsima tal-Edukazzjoni Specjali;

(c) ingustament ma intghazilx ghal 'remedial work on the withdrawal system';

(d) fil-1991 intbaghat fi skola il-Hamrun fuq xoghol klerikali minflok thalla fuq xoghol klerikali fl-iskola Bormla;

(e) fil-1994 tnizzel fl-ewwel punt tal-Iskala 8 tas-Servizz Civili; u

(f) fil-1995 inqabez ghall-post ta' Assistent Kap ta' Skola ghaliex ma kienx qed jghallem fi klassi mhabba l-mard.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jaghti rimedji xierqa lir-rikorrent, fosthom billi jiddikjara li huwa ghandu jitqies li kien fi Skala 7 tas-

Servizz Civili b'effett minn l-1 ta' Jannar 1991, u fin-nuqqas ta' dan, li huwa kien fil-massimu tal-Iskala 8 b'effett mill-istess data, u li huwa ma kellux jinqabez fil-hatra ghall-kariga ta' Assistent Kap ta' Skola mhabba li kien garrab tnaqqis fil-vuci waqt l-ghoti tas-servizz tieghu bhala 'teacher', u li r-rikorrent ghandu jinghata il-kumpens xieraq li t-Tribunal jiffissa ghat-telf finanzjarju li r-rikorrent sofra u li ser isofri.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u mid-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepew:

1. Illi,preliminarjament, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, bl-ebda mod m'hu responsabbli ghall-hatriet fl-Edukazzjoni, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qatt ma kien ittrattat b'mod degradanti kif qed jallega fir-rikors promotorju.

3. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-ghalliema fit-taghlim Rimedjali jidher li r-rikorrent gie fit-tnax-il post mit-tletin kandidat li kienu eligibbli biex japplikaw.

4. Illi, r-rikorrent gie assimilat fl-iskala 8 skond dak li hemm stipulat fil-paragrafu 2.1.3 tal ftehim ta' l-1994 bejn il Gvern u l-MUT (dok.A).

5. Illi r-rikorrent ma kienx eligibbli biex jkun promoss ghall-grad ta' Assistent Kap fuq bazi ta' efficiency and seniority peress li huwa ma kienx fuq teaching duties. Skond il-paragrafu 2.1.3 tal-ftehim ta' 1994 zmien bhal dan ma jhoddx ghal skop ta' "progression" minn skala ta' salarju ghall-ohra u l-policy tad-Divizjoni mill-ftehim 'l hawn dejjem kienet li tali zmien lanqas jghodd ghall-promozjoni.

Ghaldaqstant dan t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma l-fatti esposti fir-rikors. Semma li t-talba biex jibqa' jaghmel xoghol klerikali fl-iskola ta' Bormla saret mill-Kap ta' l-Iskola li dak iz-zmien kien

minghajr Assistent Kap. F'laqgha li hu u s-surmast kellhom ma' l-Onor. Ministru dan qallu li dan ma kienx possibli.

Xi zmien wara gie imsejjah lura u ntbaghat jaghmel xoghol klerikali mat-Taqsima ta' l-Edukazzjoni Specjali. Dan kien l-aghar zmien tieghu fid-Dipartiment. Il-ftit xoghol li kien jinghata kellu jsir f'kamra zghira, kiesha, umda u maqtugha ghaliha f'bitha. Kien jigbor kotba wzati minn xi skola u jqassamhom f'ohrajn, jqandel kaxxi mimlijin kotba wzati, jaghzel second-hand jig-saw puzzles u jaghmel xi inventarju ta' skola.

Peress li hassu umiljat jaghmel dak ix-xoghol talab lid-Direttur Generali biex jaghmel 'remedial work on the withdrawal group system' kif kien prattikat sa dak iz-zmien. Izda mill-interview ma ikkwalifikax. Zied "Biex ikompli jintafa' l-melh fuq il-ferita u jitkattar fija s-sens ta' frustrazzjoni, fis-sajf ta' wara ntbghatt l-Iskola ta' Bormla nossorvelja u nghin studenti tal-B.Educ. li kienu qed jaghmlu xoghol remedjali ma' tfal batuti. Dan kien ifisser li ghalkemm ma sabunix tajjeb biex naghmel xoghol remedjali, kont tajjeb bizzejjed biex nissorvelja u nghin studenti-ghalliema li kienu qed jaghmlu l-istess xoghol…"

F'Settembru 1992 intbaghat bhala librar fl-Iskola Primarja ta' Bormla fejn ghadu sallum.

Frederick Fearne xehed li kien Direttur tal-Edukazzjoni bejn wiehed u iehor kien bejn l-1986 u l-1997. Qal "Jiena niftakar li fl-1984 kien sar ftehim mal-MUT u fost affarijiet ohra l-agreement

kien jistipula li jekk teacher jaghmel certu zmien ma jiehux klassi allura jaqa` fl-iskala u jinzel skala 8. Dwar il-kaz tas-Sur Schembri peress li kien tilef il-vuci gie relieved milli jaghmel classroom duties u ghalhekk kellu jaqa` ghal skala 8. Kif sar il-ftehim jirrizulta li s-Sur Schembri kien ghamel complaint u dan jirrizulta mill-file…Il-ftehim kien retro attiv sal-1991. Fl-1991 is-Sur Schembri kellu klassi kif suppost. It-teachers kollha li fl-1991 kellhom dawk is-snin ta` servizz u kellhom dan is-servizz kellhom jigu assimilati ghal grade 7 u r-rikorrent hekk gie wkoll fil-fatt fl-1 ta` Jannar 1991…l-agreement jghid li min ma jibqax jaghmel classroom duties jew ma jitlax jekk ikun 9 ma jitlax scale 8 u jekk ikun scale 8 ma jitlax scale 7 u min ikun scale 7 l-agreement jghid li min ma jkollux teaching duties jinzel scale 8. Issa malli s-Sur Schembri ma baqax jaghmel teaching duties, li jirrisulta li kien xi xhur wara l-1991, m` inix cert jekk hux xi haga fl-1992, irrizulta li dan f` dik id-data taht l-agreement la ma kellux klassi fl-1992 automatically waqa` taht din il-klawsola. Qed nirreferixxi ghall-klawsola 2.1.3 b: "any such teacher in scale 7 will revert back to scale 8 during the period he/she is not performing classroom teaching duties." Illi allura rrizulta li fl-1 ta' Jannar 1991 gie assimilat fejn kien ghax kien performing classroom duties, meta mbaghad f` xi perjodu wara l-1991 ghall-1992 ghar-ragunijiet li gralu kellu jinqala` minn klassi, skond dan l-agreement kellu jigi scale 8 u dak li gara fil-fatt.

Propjament meta bniedem ikollu problema bhal din il-bord jaghti l-option jew li bniedem jirtira jew li altrimenti jaghmel per ezempju clerical duties. Issa fil-kaz in ezami r-rikrorent ma rtirax…

B` riferenza ghar-rikorrent li jsir assistent kap ta` skola… ma sarx meta kellu certu seniority nirrispondi illi ma sarx ghax la hu ma kienx qed jaghmel teaching duties ma setax jigi kunsidrat…Hu ma kienx qieghed jghallem allura ma stajtx tirrakkomandah li qed jaghmel ix-xoghol ta` ghalliem biex jista` jsir assistant head allura nqabez."

Mario Cacciattolo esebixxa kopja tal-Collective Agreement li kien intlahaq bejn il-Gvern u l-MUT u ffirmat fl-1994.

Edwin Saliba li jahdem fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni Officer in Charge Operations u jaghmel ix-xoghol ta' Administrative Officer xehed li fl-1985 is-Sur Louis Muscat kien Administrative Officer. Fit-28 ta' Lulju, 1987 sar Assistant Head u baqgha f'din il-kariga ta' Assistant Head sakemm irtira bejn wiehed u iehor fl-1999.

**KONKLUZZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija li l-Ministru tal-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna. Dan sar fuq bazi tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 li jsemmi specifikament li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Illi ghalhekk li r-rappreznetanza gudizzjarja mhix vestita fl-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni izda fil-Kap tad-Dipartiment u ghalhekk it-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni.

Illi r-rikorrent ilmenta minn diversi aspetti. L-ewwel wiehed hu li gie lilu rifjutat li jibqa' fl-iskola ta' Bormla fuq xoghol klerikali u amministrattiv, wara li r-rikorrent garrab tnaqqis fil-vuci. Ir-rikorrent kien impjegat bhala teacher u sfortunatament tilef il-vuci u ma setax aktar jaqdi dawk id-doveri. Ghal raguni valida xtaq ibiddel in-natura tax-xoghol izda jinghad li l-initmat Direttur Generali tal-Edukazzjoni ma kellu ebda obbligu li jilqa' din it-talba izda sewwa ghamel il-Gvern li pprova jakkomoda lir-rikorrent. Dan ma kienx pero` jintitola lir-rikorrent li jaghzel hu ezattament ta' xiex jahdem u fejn jahdem purche` illi x-xoghol ikun kompatibbli mal-livell ta' edukazzjoni u pozizzjoni tal-istess rikorrent. Huwa veru li ghall-ewwel ix-xoghol alternattiv li nghata ma kienx l-idejali ghar-rikorrent izda in segwitu nstab xoghol adegwat u ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li taht dan l-aspett saret xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

It-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent hu li gie moghti xoghol ta' tbatija, umiljazzjoni u frustrazzjoni fit-taqsima tal-edukazzjoni specjali. Ma jidhirx li l-kundizzjonijiet kienu tant tajba izda minn naha l-ohra din ma saritx b' xi vendikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent izda bhala mizura temporanja biex jinstab post alternattiv ghar-rikorrent. Jinghad li f' Lulju tal-1991 ir-rikorrent intbaghat jaghmel xoghol klerikali fi skola l-Hamrun u ghalhekk ma jidhirx li kien hemm xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent fis-sens li xi hadd ipprova jdejjaq jew jaghmel xi distinzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Ghalkemm it-Tribunal japprezza d-dwejjaq li r-rikorrent sofra jaghmel dak ix-xoghol temporanjament oltre l-problema ta'

sahha li gja kellu ma jistax iqis tali agir tal-awtoritajiet bhala ingustizzja.

It-tielet ilment tar-rikorrent huwa li ma ntaghzilx ghal remedial work on the withdrawal system. Hu applika ghal dan u skond ir-rapport tal-ghazla ghall-ghalliema fit-taghlim rimedjali r-rikorrent gie fit-12-il post minn 30 kandidat li kienu eligibbli biex japplikaw. Jirrizulta li r-rikorrent kellu kapacitajiet taht dan l-aspett izda biex it-Tribunal jasal ghal evelwazzjoni ta' jekk fil-fatt saritx ingustizzja jew le meta r-rikorrent f' tali interview gie klassifikat fit-12-il pozizzjoni hu necessarju li jkollu quddiemu l-kwalifiki, seniority, referenzi, skeda komparattiva tal-marki tal-applikanti kollha u dettalji ohra li jistghu jwassluh ghall-konkluzjoni li fil-fatt meta hu gie klassifikat fit-12-il post saret ingustizzja. Illi pero`, ir-rikorrent ma ghamel xejn minn dan u la semma l-kwalifiki tieghu taht dan l-aspett izda ghamel biss referenza ghall-esperjenza twila tieghu, la esebixxa rizultati ta' dan l-interview, la pproduca lil xi awtorita` biex tesebixxi kopja tar-rizultat, la pproduca lill-membri tal-bord tal-ghazla – fi ftit kliem ma ghamel xejn u stenna li t-Tribunal minghajr ma jkollu l-provi jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja.

Ghalhekk ukoll dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi milqugh.

Ir-raba' aspett tal-ilment tar-rikorrent hu li ntbaghat fuq xoghol klerikali fi skola l-Hamrun minflok thalla jaghmel l-istess xoghol fl-iskola Bormla. It-Tribunal ma jistax iqis bhala li saret

ingustizzja taht dan l-espett. Wara kollox fl-affidavit tar-rikorrent dan isemmi li l-iskola Bormla ma tantx kienet xi post ta' pjacir. Meta ntbaghat l-iskola tal-Hamrun ma rrizultax li ntbaghat f' xi ambjent ferm aghar minn fejn kien qabel u kull ma seta' zdiedlu bhala dwejjaq hu l-fatt li ghall-post tax-xoghol kellu jivvjagga bil-konsegwenza tal-hela ta' hin u xi spejjez zghar. Li kieku r-rikorrent gab xi prova li din saret b' xi tpattija jew vendikazzjoni f' dak il-kaz kien ikun pruvat dan l-aspett izda la dan ma giex pruvat dan ma jistax jitqies bhala ilment gustifikabbli. Aktar u aktar li jirrizulta li f' Settembru 1992 ir-rikorrent gie akkomodat li jintbaghat lura fl-iskola ta' Bormla bhala librar.

Dwar il-hames aspett tal-ilment u cioe` li fl-1994 tnizzel fl-ewwel punt tal-iskala 8 tas-Servizz Civili it-Tribunal ma jistax iqis li ftehim milhuq mill-union sar b' xi intenzjoni li tigi kawzata ingustizzja lilu. Dan l-aspett gie spjegat sewwa minn Frederick Fearne li kien semma li fl-1984 sar ftehim bejn l-awtoritajiet u l-MUT li kien jistipula li jekk teacher jaghmel certu zmien ma jiehux klassi allura jaqa' fl-iskala u jinzel skala 8. Ir-rikorrent minhabba li tilef il-vuci gie relieved milli jaghmel classroom duties u ghalhekk bilfors jaqa' ghall-iskala 8. Dan jirrizulta car mill-Artikolu 1.2.3. tal-ftehim mal-MUT. Ghalhekk ukoll it-Tribunal ma jsibx dan l-aspett gustifikat.

L-ahhar aspett tal-ilment tar-rikorrent jirrigwarda li fl-1995 inqabez ghall-post ta' Assistant Kap ta' skola u dan ghaliex ma kienx qed jghallem fi klassi minhabba mard. Frederick Fearne spjega li la r-rikorrent ma kienx qieghed jaghmel teaching duties

ma setax jigi kunsidrat ghal tali hatra. Titla' grad jekk tkun qed taghmel ix-xoghol ghal the next grade izda hu ma kienx qieghed jghallem u allura ma setax jinghata l-kariga ta' Assistant Head. Ghalhekk ukoll taht dan l-aspett it-Tribunal ma jistax jilqa' l-ilment tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrent. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.